# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 5**

**Cit. Nru. 822/2001 GCD**

**Di Rocco Limited**

**Vs**

**Price Club Operators Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ippremettiet:

Illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta "packing material" u "disposable articles" fejn ghad fadal bilanc ta' sebat elef tmien mija u erbghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm7,840.33,0) fejn minnhom is-somma ta' elf u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1,022.65,0) huma VAT dovuti;

Illi s-socjeta` konvenuta hallset lis-socjeta` attrici s-somma permezz ta' "cheque" li izda ma giex onorat peress illi gie ritornat

lura lis-socjeta` attrici ghaliex gie "countermanded" mis-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas dan l-ammont imma baqghet inadempjenti, u

Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba tal-hlas mitlub u ghalhekk id-dejn huwa cert, likwidu u dovut;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa mis-smigh tal-kawza ghat-tenur ta' l-art. 167 et sequitur tal-ligijiet ta' Malta Kap 12;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef tmien mija u erbghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm7,840.33) bilanc ta' somma akbar ghall-bejgh ta' "packing material" u "disposable articles" debitament mibjugh u kkonsenjat, liema somma tinkludi wkoll il-VAT kif spjegat aktar kmieni, bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha u imghax legali minn meta l-flus kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv, inkluz ta' ittra bonarja tat-3 ta' Marzu 2001; ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju 2001 kif ukoll mandat ta' sekwestru numru 1307/01 kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm